MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 537/2014

**Fl-atti tac-Cedola Numru : 2323/12**

***u***

**fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 3377/11 fl-ismijiet :**

**Charles Grech & Co Limited (C2473)**

***kontra***

**Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M) u Bay Catering Limited (C39785)**

***u***

**fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2747/12 fl-ismijiet :**

**Lorraine Attard (ID 96271M)**

***kontra***

**XL Projects Limited (C51117) u Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` Charles Grech & Co. Limited fis-16 ta` Gunju 2014 li jaqra hekk –

*Illi l-kumpannija esponenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta` €3,144.76 (tlett elef mija u erba` u erbghin Ewro u sitta u sebghin centezmu) liema debitu gie rez ezekuttiv permezz ta` ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta liema ittra ghandha n-numru 2681/11 u li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata Dok. CG1, u dana*

*oltre l-imghax u l-ispejjez fir-rigward ta` liema l-kumpannija esponenti tirriserva li tipprezenta prospett dettaljat li jinkludi l-imghaxijiet u l-ispejjez.*

*Illi in ezekuzzjoni tat-titoli ezekuttivi taghha l-kumpannija esponenti pprezentat Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv fil-21 ta` Novembru 2011 u li jgib in-numru 3377/11, kopja tieghu tinsab hawn annessa u markata bhala Dok. CG2 ;*

*Illi permezz tac-cedola ta` depozitu numru 2323/12 il-Bank of Valletta p.l.c. iddepozitat s-somma ta` €4,770.56 (erbat elef seba` mija u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru : 3377/11 fl-ismijiet 'Charles Grech & Co Limited (C2473) vs Dr. Clarence Busuttil (ID 120859 M) u Bay Catering Limited (C 39785) u fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru : 2747/12 fl-ismijiet 'Lorraine Attard (ID 96271 M) vs XL Projects Limited (C 51117) u Dr. Clarence Busuttil (ID 120859 M) ;*

*Illi l-kumpannija esponenti ntavolat l-opportun rikors li permezz tieghu talbet illi tigi awtorizzata tizbanka l-ammont dovut lilha mill-fondi depozitati permezz tac-cedola odjerna, ghal liema talba Lorraine Attard opponiet u dana ghalkemm hija ma kenitx kanonizzata kreditrici ;*

*Illi ghalhekk il-kumpannija esponenti ma setghetx tizbanka l-ammont lilha dovut ;*

*Ghaldaqstant il-kumpannija esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qormi joghgobha ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1. Tordna l-ftuh ta` konkors ta` kredituri fuq id-depozitu ta` €4,770.56 (erbat elef seba` mija u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu) appartenenti lil Dr. Clarence Busuttil (ID 120859 M) u/jew Bay Catering Limited (C 39785) u li giet depozitata permezz tac-cedola ta` depozitu numru 2323/12 ;*

*2. Tordna bil-mezz tar-Registratur ta` dina l-Onorabbli Qorti li f`gazzeta wahda jew izjed fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz ikkontemplat fl-artikolu 416(1) tal-Kap 12 u dana oltre kull provvediment necessarju u opportun skond il-ligi ;*

*3. Tordna u tiddeciedi illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti jippregradwa kull kreditu iehor u konsegwentement jippregradwa kull kreditu iehor fil-konkors ta` kredituri fuq id-depozitu ta` €4770.56 (erbat elef seba` mija u sebghin Ewro u sitta u hamsin centezmu) appartenenti lil Dr. Clarence Busuttil (ID 120859 M) u/jew Bay Catering Limited (C 39785) u li giet depozitata permezz tac-cedola ta` depozitu numru 2323/12 ;*

*4. Tordna li l-ispejjez ta` dawn il-proceduri jithallsu mill-kredituri li opponew l-izbank mitlub mill-kumpannija esponenti.*

Rat id-dokumenti li pprezentat is-socjeta` rikorrenti flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Lulju 2014 fejn tat provvediment skond l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat in-nota guramentata li pprezentat Lorraine Attard fit-3 ta` Dicembru 2014 li taqra hekk :-

*li permezz taghha qieghda tiddikjara illi filwaqt illi hija ser izzomm ferm il-pretensjonijiet illi ghandha fil-konfront ta` Dr. Clarence Busuttil bin-numru tal-karta tal-identita` 120859M u s-socjeta` XL Projects Limited bin-numru tal-kumpannija C51117 hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex is-socjeta` Chjarles Grech & Co Ltd tizbanka l-ammont ta` tlett elef, mija u erbgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,144.76) flimkien mal-ispejjez u mghax skond l-ittra ufficjali prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 2323/12 b`dan illi l-esponenti ma ghandhiex tkun ikkundannata thallas l-ebda spejjez ta` din il-procedura stante li tali spejjez ghandhom jitnaqqsu mill-ammont depozitat permezz tac-cedola ndikata.*

Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fis-26 ta` Jannar 2015.

Rat id-digriet li tat fis-seduta tal-5 ta` Frar 2015 fejn ordnat li jigu allegati l-atti tac-cedola ta` depozitu nru 2323/12.

Rat l-atti li kienu allegati.

Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` rikorrenti fis-seduta tas-16 ta` Marzu 2015.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Marzu 2015.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment.

Rat il-bqija tal-atti.

**Ikkunsidrat :**

**II. L-Art 416 tal-Kap 12**

Is-socjeta` Michael Attard Limited ressqet it-talbiet taghha abbazi tal-Art 416 tal-Kap 12 li taqra hekk :-

*(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom **izjed minn zewg persuni** jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depozitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista' jkollu interess sabiex igib 'il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iz-zmien, ma tista' twaqqaf jew xort'ohra zzomm il-kawza ta' konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

*(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta' xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu 'l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*

*(3) F'affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista' jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*

*(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati ddepozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta' sekwestru.*

Huwa evidenti mis-subartikolu (1) illi sabiex tista` tiskatta l-procedura tal-konkors tal-kredituri jrid ikun hemm ***izjed minn zewg persuni*** (kliem tal-ligi) li jkunu jippretendu li ghandhom jeddijiet aqwa fuq il-flus li jkunu gew iddepositati fil-qrati superjuri. Fil-fehma tal-Qorti, li jkunu **izjed minn tnejn** il-persuni li jivvantaw dawk il-jeddijiet fuq id-depozitu huwa pregudizzjali sabiex tista` tiskatta l-procedura.

Il-Qorti taghmel ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) moghtija fis-27 ta` Jannar 2003 fil-procediment nru 469/1998 fl-ismijiet "**Konkors tal-Kredituri ta` Joseph Ellul**" (**mhux appellata**). Minnha sejra tislet dak li huwa rilevanti ghall-procediment tal-lum. Dak il-konkors kien istitwit minn Joseph Meli ghal JAV Services Station Limited bhala kreditur ta` Joseph Ellul.

Il-Qorti qalet hekk *inter alia* :-

*Din il-procedura giet istigata mill-fatt allegat fir-rikors tas-socjeta` JAV Service Station Limited li fl-atti tac-Cedola Numru 750/96 hemm flejjes sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha fil-konfront tad-debitur taghha*

*Joseph Ellul, liema kreditu jinsab kononizzat b' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-20 ta' Novembru 1992 ;*

*Kif kien mistenni dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat li jsiru s-soliti avvizi konformement mad-dettami ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civil relattiv ghal proceduri "Fuq il-Konkorsi". Dawn jidher li saru …*

***Permezz ta' verbal fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 1999 dina l-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur. Dan minn naha tieghu nforma lill-Qorti b'nota ntavolata fis-27 ta' Novembru 2000 illi l-uniku konkorrent kienet biss is-socjeta` rikorrenti li ppromuoviet it-talba ghal konkors billi l-ebda haddiehor ma kkonkorra ;***

***Effettivament mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm kredituri ohra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur taghha s-socjeta` rikorrenti kienet ippremettiet illi hi ma setghetx tizbanka l-ammont kanonizzat favur taghha "peress illi terzi persuni jidhrilhom li ghandhom jedd" fuq il-bilanc tas-somma depozitata ;***

*Kif gustament rilevat mill-imsemmi kuratur fis-Nota tieghu l-procedura ntentata ma tilhaqx u ma tissodisfax r-rekwizit baziku ta' l-Artikolu 416(1) tal-Kap 12 fis-sens illi l-konkors tal-kredituri jirrikjedi almenu izjed minn zewg persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depozitati ;*

*Effettivament is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza ta' kredituri ohra li kellhom l-allegat jedd fuq id-depozitu jew bilanc tieghu. Li hu maghruf mill-korp tar-rikors promotur hu li anterjorment ghall-prezentata ta' din il-procedura kienu gja gew zbankati diversi ammonti ta' flejjes mis-somma inizjalment depozitata. Dan forsi jispjega ukoll u ahjar il-fatt illi ma kienx ghad fadal kredituri x'jikkonkorru ;*

***Dan kollu premess iwassal ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-procedura intentata mis-socjeta` rikorrenti saret "per***

***inutile" u ma setghetx allura tigi attivata in kwantu, kif manifest, l-element essenzjali taghha ma jokkorrix ...***

*Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha jew taghti provvedimenti ulterjuri kif mitlub, anke ghaliex, kif premess, il-procedura ntentata minn Joseph Meli nomine saret inutilment u ai termini ta' l-Artikolu 416 tal- Kap. 12* ***il-konkors tal-kredituri rikjest minnu ma huwiex konsentit****. L-ispejjez tal-prezenti procedura huma a kariku ta' l-istess Joseph Meli nomine.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

Is-socjeta` rikorrenti hija kreditur ta` Dr. Clarence Busuttil u ta` Bay Catering Limited b`titolu ezekuttiv (Dok CG1) li gie rez esegwibbli tant li hareg Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru 3377/11 ghall-ammont ta` €3,144.65 bhala sorte, €180.76 bhala spejjez u €19.11 bhala VAT (Dok CG2). Fost is-sekwestratarji kien indikat il-Bank of Valletta plc.

Permezz ta` cedola ta` depozitu nru 2323/12, il-Bank of Valletta plc iddepozita l-ammont ta` €4,770.56 (wara li zamm l-ispejjez tad-depozitu) bhala konsegwenza mhux biss tal-Mandat fuq riferit izda wkoll bhala konsegwenza ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv iehor fl-ismijiet *'Lorraine Attard vs XL Projects (C51117) u Dr. Clarence Busuttil (K.I. Nru. 120859M)'*.

Jidher evidenti mid-dicitura tac-cedola illi l-Bank of Valletta plc ghamel depozitu wiehed fir-rigward taz-zewg Mandati – anke jekk ma hemmx konnessjoni bejniethom – billi debitur komuni fiz-zewg atti huwa Dr. Clarence Busuttil, li apparti li huwa direttur kemm ta` Bay Catering Limited kif ukoll ta` XL Projects Limited (ara minn fol 35 sa fol 40), u jidher li l-flus depozitati jappartjenu lil Dr. Clarence Busuttil.

Wara li sar id-depozitu, is-socjeta` rikorrenti talbet b`rikors illi tizbanka mic-cedola s-somma ta` €3,680.07 : in kwantu ghal €3,144.76 bhala sorte ; €335.44 bhala imghax bejn il-15 ta` Lulju 2011 u t-22 ta` Jannar 2013 ; €180.76 bhala spejjez ; u €19.11 bhala VAT (ara r-rikors tad-19 ta` Novembru 2012). Ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti kien notifikat lil Lorraine Attard – evidentement bhala parti nteressata – ghalkemm ma kellhiex titolu ezekuttiv ; din ipprezentat risposta fejn opponiet ghall-izbank (ara r-risposta tat-30 ta` Novembru 2012).

Ma jirrizultax li kien notifikat bir-rikors xi kreditur iehor.

In vista tal-opposizzjoni ta` Lorraine Attard, it-talba tal-izbank mis-socjeta` rikorrenti kienet michuda (ara d-digriet tal-25 ta` Frar 2013).

Is-socjeta` rikorrenti mexxiet bil-procedura odjerna bhala konsegwenza tal-fatt illi kienet michuda t-talba taghha ghall-izbank.

Il-Qorti tirrileva illi fid-data meta ntavolat ir-rikors odjern, is-socjeta` rikorrenti kienet taf illi l-unici kredituri li kienu qeghdin jivvantaw jedd fuq l-ammont depositat kienu hi u Lorraine Attard. Ma tressqet l-ebda prova li kien hemm haddiehor li kien ukoll kreditur. Fic-cirkostanzi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet prekluza milli taghti bidu ghall-konkors tal-kredituri skond l-

Art 416(1) tal-Kap 12 meta rrizulta kemm qabel kif ukoll wara l-presentata tar-rikors li l-kredituri kienu tnejn **u mhux izjed minn tnejn**.

Inoltre waqt l-andament ta` dan il-procediment, huwa evidenti li Lorraine Attard bidlet radikalment il-posizzjoni taghha : minn wahda ta` opposizzjoni (fl-istadju tar-rikors ghall-izbank) ghal wahda ta` adezjoni (b`riserva).

Ir-rizultat ta` dan kollu kien illi s-socjeta` rikorrenti spiccat minghajr konkorrenti.

Kif svolgew il-fatti tal-kaz, din il-Qorti hija prekluza milli tipprovdi dwar it-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti b`mod favorevoli ghaliha, ladarba dik it-talba bhall-ohrajn saret fil-kuntest tal-procedura kontemplata bl-Art 416 tal-Kap 12.

Fl-istess waqt din il-Qorti mhijiex tara li s-socjeta` rikorrenti hija sprovvista minn rimedju alternattiv. Il-fatt biss illi fir-risposta taghha tat-30 ta` Novembru 2012 fl-atti ta` dan il-procediment, Lorraine Attard iddikjarat bil-gurament (ara fol 25) illi *ma ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex is-socjeta` Charles Grech & Co Ltd tizbanka l-ammont ta` tlett elef, mija u erbgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,144.76) flimkien mal-ispejjez u mghax skond l-ittra ufficjali prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 2323/12* ghandu jiftah il-bieb berah lis-socjeta` rikorrenti li tikseb favur taghha l-izbank tal-flus dovuti lilha.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Spejjez gudizzjarji

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi, ghalkemm meta inizjat il-procediment tal-lum, is-socjeta` rikorrenti ma qaghditx mad-dettami tal-Art 416(1) tal-Kap 12 fir-rigward tal-ghadd tal-persuni li *a tempo vergine* kienu qeghdin jivvantaw jedd fuq l-ammont depositat, hija daqstant iehor tal-fehma li l-procediment tal-lum skatta minhabba l-imgieba kontradittorja li hadet Lorraine Attard qabel u wara li kien inizjat dan il-procediment. Li kieku Lorraine Attard ma opponietx l-izbank *a tempo vergine*, din il-Qorti m`ghandhiex dubju li t-talba ghall-izbank tas-socjeta` rikorrenti kienet tigi akkordata.

Ghalhekk filwaqt li din il-Qorti sejra tipprovdi li s-socjeta` rikorrenti ghandha tbati l-ispejjez taghha fil-procediment tal-lum, is-socjeta` rikorrenti m`ghandha thallas l-ebda spejjez fir-rigward ta` Lorraine Attard ; *del resto* jigi rilevat illi fil-procediment tal-lum, ghalkemmipprezentat risposta, Lorraine Attard ma ffiguratx bhala konkorrenti.

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni talbiet tas-socjeta` rikorrenti ;**

**Tichad it-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti ;**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tordna lis-socjeta` rikorrenti sabiex thallas biss u esklussivament l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------